## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR ITALO MIZZI) V. OWEN CREMONA (KI. 298899M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**31 ta' Jannar 2025**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjoni maħruġa kontra Owen Cremona ta' 25 sena, iben Pierre u Iris nee' Ciantar, imwieled Pietà fid-29 ta' Awissu 1999, residenti 392, Ġesù Redentur, Triq San Tumas, Hal Tarxien, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 298899M (hawn imsejjaħ "l-imputat") li tressaq taħt arrest quddiemha fis-seduta tal-lum 31 ta' Jannar 2025 mixli illi fit-30 ta' Jannar 2025, bejn is-00:00hrs u 02:00hrs ta' filgħodu ġewwa San Pawl il-Baħar u/jew fil-Gżejjer Maltin:

> **"naqas milli jħares xi waħda w/jew aktar minn waħda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Rachel Montebello LL.D. fid-digriet mogħti nhar it-28 ta' April 2024, li permezz tieghu l-istess Owen Cremona ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet u dan bi ksur ta' Artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta"**

wara li rat li ġiet mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija, tirrevoka l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti lil Owen Cremona u tordna l-arrest mill-ġdid tal-istess Owen Cremona u dan ai termini tal-artikolu 579(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u inoltre sabiex id-depożitu kif ukoll il-garanzija personali jgħaddu favur il-gvern ta' Malta,

wara li rat li fis-seduta tal-lum 31 ta' Jannar 2025, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk jixtieqx iwieġeb dwar il-ħtija *o meno* tiegħu, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih,

wara li rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża għal ftit minuti sabiex l-imputat jikkonsulta l-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha,

wara rat li meta reġgħet issejħet il-kawża  l-imputat reġa wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu,

wara li semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena,

wara li rat l-atti kollha proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

**Il-Qorti rat illi fil-kawża odjerna l-imputat instab mill-Pulizija Eżekuttiva f'vettura bejn nofsillejl u s-sagħtejn ta' filgħodu u allura f'ħin meta suppost kien ġewwa r-residenza tiegħu u dan skond digriet tal-ħelsien mill-arrest maħruġ minn din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Maġistrat Dr. Rachel Montebello fit-28 ta' April 2024 li fost affarijiet oħra rabtet lill-imputat ili jirtira d-dar fejn joqgħod mhux iżjed tard mid-9pm u ma joħroġx minn hemm qabel il-5.30am. Il-ksur ta' din il-kundizzjoni huwa wieħed li għalkemm ma jistax jitqies bħala leġġer tenut kont illi l-imputat mhux biss ikkommetta reat kriminali iżda inoltre xellef xi ftit mill-fiduċja u serħan il-moħħ tal-Qorti (ossia li jkun kapaċi joqgħod għall-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest), madanakollu ma jistax lanqas jingħad illi l-infrazzjoni kienet waħda daqstant gravi illi tagħmilha impellenti fuq il-Qorti illi tirrevoka d-digriet u tordna r-riarrest tal-imputat (bħal ma kien ikun il-każ li kieku per eżempju l-imputat inqabad jikkommetti reat jew inkella inqabad f'tentattiv li jintralċja l-provi). Għall-istess raġuni l-Qorti ma tħossx illi għandha tikkonfiska l-ammont kollu (i.e. € 2,000) li kien ġie depożitat mill-imputat bħala parti mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest u sejra tordna biss il-konfiska tal-ammont ta' mitt euro (€ 100) u lanqas m'għandha timponi piena karċerarja.**

**Għal dawn ir-raġunijiet, fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkundizzjonata imtennija l-Qorti wara li rat l-artikolu rilevanti tal-liġi u ċioe l-Art. 579(2) u (3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih u tikkundannah jħallas multa ta' mitejn euro (€ 200) apparti li tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont tas-somma ta' mitt euro (€ 100) mill-ammont ta' elfejn euro (€ 2,000) li kien ġie depożitat mill-ħati bħala parti mid-digriet tal-ħelsien mill-arrest maħruġ minn din il-Qorti diversement presjeduta fit-28 ta' April 2024. Għar-raġunijiet diġà msemmija, il-Qorti m'hijiex qed**

**tirrevoka d-digriet tal-ħelsien mill-arrest li għalhekk jibqa' fis-seħħ diment illi d-depożitu fl-ammont ta' € 2,000 jiġi ripristinat.**

**Il-Qorti qed twissi lill-imputat bil-konsegwenzi jekk huwa jażżarda jerġa jikser xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |